KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# L-Immigrazzjoni Irregolari




Il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2020
Edizzjoni numru 18

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Lista tal-kontenut

Introduzzjoni pġ. 3

Proposti

- Id-Domiċilju u l-Benefiċċji Soċjali pġ. 4-5
- L-Integrazzjoni pġ. 6
- L-Opinjoni Pubblika pġ. 7
- Ix-Xogħol pġ. 8
- Il-Kooperazzjoni Internazzjonali pġ. 9

Membri pġ. 10

Anness pġ. 11-15

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Introduzzjoni

Bla ebda dubju s-sena 2020 kienet waħda li fiha id-dinja kollha affaċċjat bosta sfidi. B'mod partikolari, fil-kuntest Ewropew u, speċifikament, f'dak Malti, rajna li l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-bżonn ta' pjan organizzat fir-rabta mal-kriżi tal-immigrazzjoni irregolari. B'hekk, il-Partit tal-Immigrazzjoni Irregolari ħareġ b'numru ta' proposti bl-għan li dawn jgħinu lil pajjiżna jimxi 'l quddiem fejn tidħol din it-tema.

Fil-proċess tat-tfassil ta' din ir-reżoluzzjoni tkellimna ma' bosta awtoritajiet u rappreżentanti mħarrġa f'dan il-qasam. Dawn huma l-Onor. Evarist Bartolo, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, l-Onor. Rosianne Cutajar, is-Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi, u l-kollegi tagħha, fosthom Alexander Tortell illi huwa l-mexxej tad-dipartiment interkulturali u anti-razzist ġewwa d-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem. Apparti minn dawn, tkellimna wkoll ma' Dr Roberta Buhagiar u Dr Malcolm Cutajar li huma l-mexxejja tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, il-partit 'Moviment Patrijotti Maltin' u rappreżentant tal-għaqda volontarja 'Spark15', illi tiġbor fiha komunità ta' żgħażagħ refuġjati.

Din ir-reżoluzzjoni hi mibnija fuq ir-rispett lejn l-obbligi umanitarji u internazzjonali tagħna. Nistgħu ngħidu fiċ-ċert illi, fil-proċess tat-tfassil ta' dan id-dokument, dejjem żammejna f'moħħna r-realtajiet wara din il-kriżi, u għalhekk, nemmnu illi dawn il-proposti huma pragmatiċi u mfassla b'viżjoni inklużiva u b'sentiment tas-solidarjetà kemm mal-minoritajiet ġewwa gżiritna u anke mal-Maltin infushom.

Ninsabu ħerqana sabiex niddiskutu l-punti u l-miżuri proposti f'din ir-reżoluzzjoni.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Proposti

## Id-Domiċilju u l-Benefiċċji Soċjali

Nirrikonoxxu:

1. Li n-nuqqas ta' riżorsi meħtieġa għall-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali joħloq diversi sfidi fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil.
2. Li l-kundizzjonijiet ġewwa ċ-ċentri tad-detenzjoni u dawk miftuħa mhumiex xierqa.
3. Li l-qagħda finanzjarja tal-immigranti irregolari f'pajjiżna hija ferm inqas stabbli minn dik ta' resident regolari.
4. Li numru sostanzjali ta' immigranti taħt il-protezzjoni umanitarja jew internazzjonali ma japplikawx għall-benefiċċji li għandhom id-dritt għalihom minħabba n-nuqqas t'għarfien illi dawn huma offruti jew minħabba sfidi ta' natura burokratika.

Rakomandazzjonijiet:

1. Nenfasizzaw l-importanza tal-investiment fl-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil.
   a) Nirrakomandaw iż-żieda fil-paga minima tal-ħaddiema tal-istess Aġenzija u l-investiment addattat sabiex professjonisti mħarrġa f'dan il-qasam jibdew u jibqgħu jaħdmu fl-istess qasam.
   b) Ninkoraġġixu l-proviżjoni ta' apparat neċċessarju u post adekwat għall-iskop ta' faċilitazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet numerużi għall-ażil.
   c) Nipproponu l-iżvilupp fis-sistema tan-notifika, bl-għan li tiżdied l-effiċjenza fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil.
   d) Nippromwovu l-użu tal-ispazju u t-teknoloġija pprovduti fil-Kunsilli Lokali u l-organizzazzjonijiet non-governattivi mill-applikanti għall-ażil għall-intervisti virtwali fir-rabta mal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil.

2. Nipproponu żieda fl-effiċjenza fil-qasam tar-ripatriazzjoni sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet fiċ-ċentri tad-detenzjoni fejn tidħol il-problema tal-iffullar. Biex jonqos il-piż minn din il-problema ta' ffullar, nipproponu wkoll li sakemm jiġu ripatrijati dawn l-immigranti jiġu kreati aktar ċentri ta' detenzjoni biex jitqassmu fihom sakemm jintbagħtu f'pajjiż ieħor. Nenfasizzaw li dawn għandhom jakkomodawhom b'kundizzjonijiet li jirrispettaw aktar l-umanità tagħhom. Dan jagħmilha eħfef ukoll sabiex jinżammu l-kontroll u d-dixxiplina f'dawn iċ-ċentri.
3. Nippromwovu li l-piena tax-xogħol komunitarju, fejn possibbli, tingħata prijorità fuq il-multa f'każijiet ta' kontravvenzjonijiet ta' natura vandalistika.
4. Inħeġġu l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-organizzazzjonijiet non-governattivi, li huma involuti fis-settur tal-immigrazzjoni irregolari, għall-iskopijiet marbuta mat-tagħrif tal-applikanti għall-ażil fuq is-servizzi u l-benefiċċji soċjali disponibbli.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

**L-Integrazzjoni**

Nirrikonoxxu:

1. Li bosta immigranti irregolari u dawk taħt il-protezzjoni umanitarja jew internazzjonali jsibuha diffiċli sabiex jintegraw, b'mod partikolari mill-aspett lingwistiku u kulturali.
2. Li d-diskriminazzjoni fuq bażi razzjali kapaċi ttellef il-proċessi tal-integrazzjoni u d-domiċilju.

Rakomandazzjonijiet:

1. Nagħrfu s-suċċess tal-programm integrattiv 'I Belong' u ninkoraġixxu illi dan jiġi estiż għal dawk kollha taħt il-protezzjoni umanitarja u internazzjonali.
2. Nirrakomandaw illi l-ipproċessar tal-liċenzja tax-xogħol jintrabat mal-proċess integrattiv, b'mod speċifiku mal-edukazzjoni lingwali u kulturali.
3. Napprovaw il-kooperazzjoni eżistenti mal-MCAST fuq programmi tal-apprentistat għal dawk taħt il-protezzjoni internazzjonali u umanitarja, u ninkoraġixxu illi din il-prattika tinvolvi iżjed istituzzjonijiet edukattivi.
   a) Ninkoraġixxu illi fir-rabta ma' din l-inizjattiva issir enfażi speċjali fuq l-edukazzjoni u l-integrazzjoni tal-minuri taħt il-protezzjoni internazzjonali jew umanitarja.
4. Inħeġġu x-xogħol u l-monitoraġġ kontinwu tal-progress fuq il-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija (NAPRAX) .
5. Ninkoraġixxu l-investiment kontinwu fl-iżvilupp tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) .

**L-Opinjoni Pubblika**

Nirrikonoxxu:

1. Li hemm nuqqas ta' edukazzjoni fl-istituzzjonijiet edukattivi fuq is-sitwazzjonijiet li jwasslu għall-immigrazzjoni irregolari, u li dawn kapaċi jwasslu għall-abbuż fiżiku, verbali u emozzjonali fl-istess istituzzjonijiet.
2. Li hemm nuqqas ta' edukazzjoni fuq is-sitwazzjonijiet li jwasslu għall-immigrazzjoni irregolari fost is-soċjeta' b'mod ġenerali, u dawn iwasslu għall-preġudizzju u l-isterjotipi li jtellfu l-proċess tal-integrazzjoni.
3. Li d-diskors ta' mibegħda fuq bażi razzjali kapaċi jwassal għall-vjolenza psikoloġika u saħansitra anke dik fiżika.

Rakomandazzjonijiet:

1. Nipproponu li kemm l-iskejjel primarji u anke dawk sekondarji jiddedikaw lezzjonijiet relatati mat-temi tal-immigrazzjoni irregolari, inkluż il-kunċetti tad-diskriminazzjoni fuq bażi razzjali u tal-ksenofobija.
2. Ninkoraġixxu l-iskejjel sekondarji sabiex jallokaw il-ħin għal taħdidiet edukattivi, fejn rappreżentanti li xogħolhom huwa marbut mas-settur tal-immigrazzjoni irregolari, iżuru u jedukaw liż-żgħażagħ fuq dan is-suġġett u l-kunċetti marbutin miegħu.
3. Nissuġġerixxu li t-taqsima tal-'Hate Crime and Speech' u l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali joħolqu kampanji edukattivi dwar ir-realtajiet tal-immigrazzjoni irregolari u l-perikli tad-diskriminazzjoni fuq bażi razzjali.
4. Nirrakomandaw investiment kontinwu fit-taqsima tal-'Hate Crime and Speech' u l-istħarriġ regolari tal-progress li tagħmel din it-taqsima eżekuttiva.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

## **Ix-Xogħol**

Nirrikonoxxu:

1. Li bosta immigranti irregolari jsibu diversi ostakli fit-tiftix tal-impjieg.
2. Li bosta immigranti irregolari jaħdmu bla liċenzja tax-xogħol u b'hekk jingħata lok għall-isfruttament u n-nuqqas ta' sigurtà u ħlas adekwat.
3. Li hemm nuqqas ta' sorveljanza fuq l-industriji li jħaddmu numru sostanzjali ta' immigranti irregolari, fosthom dawk tal-'catering' u tal-kostruzzjoni.

Rakomandazzjonijiet:

1. Nirrakomandaw illi jinħoloq programm permanenti t'għajnuna fit-tiftix tal-impjieg għall-immigranti irregolari taħt l-awtorità tal-entità *Jobsplus*.
2. Nenfasizzaw l-importanza tas-sorveljanza kontinwa fuq l-industriji li jħaddmu numru sostanzjali ta' immigranti irregolari, b'mod partikolari dawk tal-'catering' u tal-kostruzzjoni, sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-isfruttament fuq il-post tax-xogħol.
3. Nipproponu ż-żieda fil-multi għall-ksur tal-protokolli tas-saħħa u s-sigurtà, li bħalissa jvarjaw bejn l-€250 u l-€450, sabiex inkomplu niskoraġixxu l-isfruttament fuq il-post tax-xogħol. Nipproponu wkoll li jingħataw pieni ta' ħabs, ladarba qed ikun hemm sfruttament ta' persuni umani (li tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem) meta jsir dan it-tip ta' abbuż.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGHAŻAGH
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

**Il-Kooperazzjoni Internazzjonali**

Nirrikonoxxu:

1. Li hemm nuqqas ta' kooperazzjoni xierqa fuq livell Ewropew fejn tidħol l-immigrazzjoni irregolari, u b'mod partikolari, ir-rilokazzjoni.
2. Li Malta, minħabba l-pożizzjoni ġeografika u l-ispazju ġeografiku tagħha, tinsab fi stat diffiċli u tirrikjedi l-għajnuna minn stati ikbar minnha.
3. Li n-nuqqas tar-riżorsi materjali u r-riżors uman fl-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali jista' jkun ta' sfida għar-ripatriazzjoni.

Rakomandazzjonijiet:

1. Infakkru lill-istat li d-dritt għall-ażil huwa dritt fundamentali u li m'għandha tittieħed l-ebda miżura li tmur kontra l-obbligi umanitarji u internazzjonali, u li tipprevjeni lill-bniedem milli jeżerċita dak id-dritt.
   a) Nikkundannaw id-detenzjoni tal-immigranti irregolari fuq il-baħar.
2. Ninkoraġġixxu aktar kollaborazzjoni fuq bażi bilaterali ma' pajjiżi bħall-Ġermanja fejn tidħol ir-ripatrijazzjoni. Dan filwaqt li l-Gvern Malti għandu jkollu l-kredibbilta' neċessarja biex jimbotta l-aġenda politika Ewropea f'dan ir-rigward li tinforza l-kunċett ta' burden sharing, u li jagħmilha aktar diffiċli li pajjiżi bħall-Polonja u l-Ungerija jkomplu jdawwru ħarsithom in-naħa l-oħra bħal li kieku mhux mistenni minnhom ukoll li jikkontribwixxu fis-solidarjeta' Ewropea.
3. Nenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu allokati r-riżorsi umani u materjali sabiex l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tkun fil-kapaċità li tipproċessa l-appelli tad-deċiżjoni fuq l-ażil tal-aħħar waqt, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa. F'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċentri tal-ipproċessar tal-ażil, ninkoraġġixxu lill-Gvern Malti jagħmel aktar pressjoni sabiex l-Unjoni Ewropea timpenja ruħha aktar li tiftaħ bosta ċentri tal-ażil

fil-postijiet tat-tluq f'kontinenti oħra. Dan jevita l-vjaġġ perikoluż li ħafna persuni jħossu li m'għandhomx għażla oħra ħlief li jagħmlu.

# Membri

Koordinaturi:

Veronika Sytnyk

Julia Zammit

Membri tal-Kumitat:

Sephora Vella

Kimberly Borg

Katrina Cassar

Chloë Cauchi

May Hefny

Josela Psaila

Veronika Sytnyk

Julia Zammit

Charlene Camilleri

Matthew Farrugia

Liam Vella

Andrea Borg

Maria Emma Buhagiar

Nicole Mifsud

Krizia Testa

Faċilitatur:

Liam Axisa

# Anness 1

## Ġenerali

**Keywords and Terminology**:
https://www.iom.int/key-migration-terms#Migrants-in-vulnerable-situations

**Migration Scenario in Malta**:
https://homeaffairs.gov.mt/en/MHAS-Departments/awas/Pages/Migration-Scenario.aspx

**Mediterranean Arrivals (UNHCR):** https://www.unhcr.org/mt/figures-at-a-glance

**Arrivals by Sea to Malta (2019):**
https://reliefweb.int/sites/reliefweb.int/files/resources/74044.pdf

**Arrivals by Sea to Malta (2020):**
https://www.unhcr.org/mt/wp-content/uploads/sites/54/2020/07/Malta-Sea-Arrivals-and-Asylum-Statistics_UNHCR_June2020.pdf

**Aditus factsheets on statuses, rights, permits etc of migrants:**
https://aditus.org.mt/know-your-rights/

**NSO Statistics:**
https://nso.gov.mt/en/News_Releases/Documents/2020/06/News2020_101.pdf

**10 Facts about Refugees in Malta**:
https://borgenproject.org/facts-about-refugees-in-malta/

**EUROSTAT Asylum Statistics:**
https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Asylum_statistics#Decisions_on_asylum_applications

**Asylum Trends Annual Overview (2019):**
https://easo.europa.eu/asylum-trends-annual-overview#:~:text=Recognition%20rates%20varied%2C%20though%2C%20from,961)%20than%20in%20previous%20years.

**Progress report on the Implementation of the European Agenda on Migration:**
https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/20191016_com-2019-481-report_en.pdf
**Migration and Migrant Population Statistics:**
https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/pdfscache/1275.pdf

## Id-Domiċilju u l-Benefiċċji Soċjali

**Asylum Procedure in Malta and Statistics:**
https://www.asylumineurope.org/reports/country/malta/statistics
**Asylum Procedure in Malta:**
https://www.asylumineurope.org/reports/country/malta/asylum-procedure/general/short-overview-asylum-procedure & https://www.unhcr.org/mt/office-refugee-commissioner & https://www.asylumineurope.org/reports/country/malta/asylum-procedure
**Reception of Immigrants:**
https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MHAS/Documents/Migration%20Policy.PDF
**Policy Regarding Specific Residence Authorisation:**
https://homeaffairs.gov.mt/en/media/Policies-Documents/Documents/SRAPolicyDocumentNov2018.pdf
**Criminal Code (With Reference To Community Work As Punishment):**
https://justice.gov.mt/en/pcac/Documents/Criminal%20code.pdf
**Asylum Detention Centre Procedure:**
https://www.asylumineurope.org/reports/country/malta/detention-asylum-seekers
**(2017 article) Average annual income of asylum seekers in Malta a paltry €4,823:**
https://www.maltatoday.com.mt/news/national/73967/average_annual_income_of_asylum_seekers_in_malta_a_paltry_4823#.X5Qpp4gzZdg
**Social Security Act:**
https://deputyprimeminister.gov.mt/en/pharmaceutical/documents/cap_318.pdf

**Asylum Information Database – Social Welfare:**
http://www.asylumineurope.org/reports/country/malta/content-international-protection/

## L-Integrazzjoni

**Migrant Integration Strategy and Action Plan (2020):**
https://meae.gov.mt/en/Documents/migrant%20integration-EN.pdf
**Towards A National Migrant Integration Strategy 2015 – 2020 Framework Document:**
https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MSDC/Documents/2015%20-%20Integration/MSD_Report%20booklet_JF_rev4.pdf
**'I Belong' Programme:**
https://humanrights.gov.mt/en/Pages/Intercultural%20and%20Anti-Racism%20Unit/I-Belong-Courses.aspx **&**
https://www.um.edu.mt/newspoint/news/2020/07/ibelong-certification-ceremony
**Education of Adult Migrants entering Malta:**
http://www.kopin.org/wp-content/uploads/2015/11/MEDBALT_CaseStudy_Malta_Final.pdf
**How to promote social integration:**
https://ied.eu/project-updates/how-to-promote-social/
**4 Ways to Promote Integration:**
https://www.weforum.org/agenda/2018/10/we-need-to-talk-about-integration-after-migration/
**LGBTIQ+ Migrants and MGRM:**
https://m.facebook.com/events/3345916242300308?view=permalink&id=3353048658253733

## L-Opinjoni Pubblika

**Lassana: A Lovin Malta Documentary**
https://www.facebook.com/watch/?v=468784603793317
**Tracing Xenophobic Tendencies in Students with regard to Black Migrants in Malta:**
https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/25953/1/17MAMS013.pdf
**Perceptions about third country nationals and immigration in Malta:**
https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MSDC/Documents/2015%20-%20Integration/Public%20Perception%20Survey%20Report.pdf
**Taking steps to eliminate racism at the workplace:**
https://www.shrm.org/resourcesandtools/hr-topics/behavioral-competencies/global-and-cultural-effectiveness/pages/taking-steps-to-eliminate-racism-in-the-workplace.aspx

**Ix-Xogħol**

**Addressing Exploitation At Work & Black Market Labour:**
https://www.maltatoday.com.mt/business/business_news/63995/fines_for_black_market_labour_to_increase_to_2500#.Xz-C2MgzaUk
**Exploitation of migrants at work:**
https://www.infomigrants.net/en/post/17525/malta-creates-unit-to-control-undocumented-workers
**Dangerous Conditions Within the Construction Industry:**
https://theshiftnews.com/2018/12/03/the-construction-of-death/
**Occupational Health and Safety Legal Doc re. Penalties:**
https://legislation.mt/eli/sl/424.33/eng/pdf
**Malta Employers' Association OHS Regulations:**
https://www.maltaemployers.com/en/ohs-regulations

**Il-Kooperazzjoni Internazzjonali**

**Dublin Procedure:** https://aditus.org.mt/Publications/factsheet20_dublinprocedure.pdf

**Dublin III Regulation:**
https://commonslibrary.parliament.uk/home-affairs/immigration/what-is-the-dublin-iii-regulation-will-it-be-affected-by-brexit/#:~:text=The%20Dublin%20III%20Regulation%20is,claim%20made%20in%20the%20EU.&text=The%20Regulation%20was%20intended%20to,asylum%20claims%20by%20different%20States.

**Overview of Relocation – European Solidarity:**
https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/background-information/docs/2_eu_solidarity_a_refugee_relocation_system_en.pdf

**Why Some EU Countries Are Struggling To Relocate Migrants:**
https://theconversation.com/why-some-eu-countries-are-struggling-to-relocate-migrants-124827#:~:text=Irregular%20migrant%20entries%20within%20the,546%20per%20cent%20in%202015.&text=Resettlement%20refers%20to%20the%20transfer,Europe%20to%20another%20member%20state.

**Migrant-relocation scheme gets tepid EU reception :**
https://news.cgtn.com/news/2019-10-09/Migrant-relocation-scheme-gets-tepid-EU-reception-KE4ZCudhNC/index.html

**Returning Rejected Asylum Seekers – Challenges and Good Practices:**
https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/networks/european_migration_network/reports/docs/emn-studies/emn-studies-19a_malta_2016_rejected_asylum_seekers_en.pdf

**European Migration Pact Proposes Flexible Solidarity As Brussels Takes Another Stab At Reform:**
https://www.maltatoday.com.mt/news/europe/104890/european_migration_pact_proposes_flexible_solidarity_as_brussels_takes_another_stab_at_reform#.X2uOCmgzZdh

**The AU-EU-UN taskforce renews its commitment to rescue stranded migrants and refugees in Libya:**
https://au.int/en/pressreleases/20200224/au-eu-un-taskforce-renews-its-commitment-rescue-stranded-migrants-and

**AU and EU – Evacuations to Niger and Rwanda from Libya:**

http://www.mixedmigration.org/articles/a-new-normal-evacuations-from-libya-to-niger-and-rwanda/

**New EU Deal on Migration Views:**

https://www.washingtonpost.com/world/europe/eu-proposes-immigration-deal-that-would-require-countries-to-take-a-share-of-asylum-seekers-or-assist-in-deportations/2020/09/23/2b126ef4-fd0c-11ea-b0e4-350e4e60cc91_story.html